# KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

**Sommarju eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta dwar l-Emenda għall-proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 628 finali/2 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u s-sorveljanza tal-politika agrikola komuni (minn hawn 'il quddiem: "l-Emenda")**

*(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-EN, FR u DE fuq il-websajt tal-KEDP http://www.edps.europa.eu)*

(2013/C 100/04)

## I. **Introduzzjoni**

### I.1. *Konsultazzjoni tal-KEPD*

1. Fil-25 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni adottat l-Emenda għall-proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 628 finali/2 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u s-sorveljanza tal-politika agrikola komuni (minn hawn 'il quddiem: "l-Emenda"). L-Emenda għal proposta tal-Kummissjoni ntbagħtet lill-KEPD għal konsultazzjoni.

2. Qabel l-adozzjoni tal-Emenda, il-KEPD ingħata l-opportunità mill-Kummissjoni sabiex jipprovdi kummenti informali. Preċedentement, il-KEPD kien ħareġ Opinjoni dwar il-proposti leġiżlattivi dwar il-futur tal-politika agrikola komuni (minn hawn 'il quddiem: "il-PAK"). ([1])

### I.2. *Kuntest tal-Emenda*

3. Fis-sentenza ta' Schecke ([2]), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat bħala invalidi ċerti dispożizzjonijiet dwar il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni minn persuni fiżiċi li kienu benefiċjarji ta' fondi tal-PAK. L-Emenda żżid kapitolu ġdid dwar it-trasparenza għall-Proposta għal Regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u s-sorveljanza tal-PAK ([3]). Il-kapitolu fih dispożizzjonijiet ġodda dwar il-pubblikazzjoni tal-benefiċjarji tal-fondi tal-PAK li jippruvaw iqisu s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ Schecke.

## IV. **Konklużjoni**

20. Il-KEPD jilqa' l-isforz tal-Kummissjoni li ssib bilanċ bejn il-prinċipju tat-trasparenza u d-drittijiet tal-benefiċjarji għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali.

21. Madankollu, huwa jirrakkomanda dan li ġej:

— tiġi applikata l-eżenzjoni mill-pubblikazzjoni għall-benefiċjarji taħt il-limitu għall-persuni fiżiċi biss (l-Artikolu 110b);

— jiġi ġġustifikat aħjar fil-Premessa 70C għaliex miżuri oħra inqas intrużivi ma jissodisfawx l-għan tat-trasparenza u għaliex modi oħra ta' pubblikazzjoni tqiesu inqas xierqa;

— tiġi inkluża dispożizzjoni addizzjonali biex jiġi żgurat li f'każ ta' komunitajiet żgħar tiġi ppubbikata biss id-dejta aggregata;

([1]) Ara l-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta dwar il-proposti legali għall-politika agrikola komuni wara l-2013 (ĠU C 35, 9.2.2012, p. 1).
([2]) Qorti tal-Ġustizzja, 9.11.2010, *Schecke u Eifert*, il-każijiet konġunti C-92/09 u C-93/09.
([3]) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u s-sorveljanza tal-politika agrikola komuni (COM(2011) 628 finali).

— jiġi ġġustifikat fil-Preambolu, it-tul magħżul fl-Artikolu 110a(3) għall-pubblikazzjoni tad-dejta;

— tiġi kkumplimentata l-informazzjoni li għandha tingħata lis-suġġetti tad-dejta fl-Artikolu 110c.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ottubru 2012.

Giovanni BUTTARELLI

*Assistent Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta*